Arkivre Arkivre Arkivre

Provenjenza: Springfield, mibni fuq art ta' Zebbuga, Triq San Blas, Nadur

L-art kienet originalment parti minn art akbar propjeta ta' Paola Vella li mietet fit-tletin (30) ta' Marzu elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) u permezz tat-testment taghha fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Galea tal-hdax (11) ta' Frar elf disa' mija u wiehed u sebghin (1971), hija halliet parti diviza mill-istess art favur ohtha Ursola Camilleri, u il-kumplament f'ishma indivizi favur uliedha bniet, fosthom Rakela Grima – axxendenti tal-Vendituri.

Sussegwentament b'att ta' divizjoni tan-Nutar Dottor Michael Refalo tal-ewwel (1) ta' Gunju elf disa' mija u [illegible] u tmenin (1983), l-isess ahwa qasmu bejniethom l-art, kif ukoll porzjon li kienet ghadha vendita gie assenjata lil istess Rakela Grima. Rakela Grima mietet intestata fit-tmienja (8) ta' Frar elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) u ghalhekk l-eredi taghha ex lege kienu l-istess uliedha. Id-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis tal-istess Rakela Grima giet ippublikata b'att tan-Nutar Dottor Kristen Dimech tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) u aggustament fl-atti tal-istess Nutar datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu elfejn u hamsa (2005), fejn l-immobbli gie debitament iddikjarat u moghti valur (kif aggustat) ta' tmienja u erbghin elf u disa' mija u sittax punt tmienja erbgha Euro (€48,916.84).

Sussegwentament, wiehed mill-ulied tal-istess Rakela, Joseph John Grima, gie nieqes fit-tlieta (3) ta' Dicembru elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), u permezz ta' testment maghmul l-Awstrina [illegible] datat tlieta (3) ta' April elfejn u tnax-il (2012) huwa nnominha bhala eredi tiegħu lil martu Maryann Grima, bis-sostituzzjoni ta' uliedhom (Rita Ann Martin u Robert Joseph Grima). Peress illi martu mietet qablu, il-wirt ghadda minflok fuq l-ulied. Id-dikjarazzoni ta' trasferiment causa mortis tal-istess Joseph John Grima saret b'att tan-Nutar Anthony Hili tal-erbatax (14) ta' Novembru 2022, fejn is-sehem tieghu mill-immobbli gie moghti valur ugwali ghal prezz ta' bejgh attwali.

Arkivre Arkivre Arkivre